MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 3

It-Tlieta 9 ta' Lulju 2019

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:30 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Vici Sindku
Karl Buttigieg - Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

**3.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.**

3.1.1 Ma kien hemm ebda ittra tal-apologiji.

**3.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.**

3.2.1 Peress li l-minuti tal-ewwel u tat-tieni laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsidrati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.**

3.3.1 Giet trattati din il-korrispondenza:

3.3.2 Ittra mibghuta mis-*Senior Police Inspector* Bernard Charles Spiteri sabiex fin-nizla ta' Triq Hondoq ir-Rummien fejn fil-gnub hemm il-fond ghal gol wied, isir xi *barrier* peress li perikoluza. Il-Kunsill iddecida li ghandhom isiru l-*crash barriers*.

3.3.3 Ittra mibghuta minn Frank Cassar u Diane Calleja mill-Ministeru ghal Ghawdex fejn il-Kunsill gie informat illi l-applikazzjoni li ssottomessa sabiex jinghata fondi ghall-*Qala International Folk Festival* giet ikkwalifikata u ghalhekk il-Kunsill ser jinghata l-ammont ta' €10,000. Gie trattat il-ftehim li sar bejn il-Kunsill Lokali u l-Ministeru ghal Ghawdex.

3.3.4 Ittra mibghuta minn Dr David Pollina fejn talab il-permess tal-Kunsill sabiex isir cerimonja taz-zwieg tieghu fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien fis-16 ta' Lulju 2019. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.3.5 Ittra mibghuta minn Martin Vella *Dental Hygienist Allied Health Practitioner,* dwar proposta sabiex isir *dental health talk*. Il-Kunsill qabel ma dan.

3.3.6 Ittra mibghuta minn Tanya Mercieca Asst. Auditor General mill-*National Audit Office* fejn anness bghatet il-*management letter* kif ukoll kopja ta' l-*audit report* u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-31 ta' Dicembru 2018.

3.3.7 Ittra mibghuta minn Matthew Muscat *Strategy Implementation Officer* mill-WasteServ Malta Ltd dwar il-ftehim tal-gbir tal-skart organiku mid-djar li ser jaghlaq fil-31 ta' Dicembru 2019 u ftehim tad-*Data Processing*. Giet trattat dan il-ftehim.

3.3.8 Ittra mibghuta minn Andrew Sultana Logistics *Director* mill-*Gozo Half Marathon Organizing Committee*. Il-Kunsill ta in-*no objection* ghal din il-maratona li ser terga isir din is-sena u li ser tghaddi mil-lokalita` tal-Qala.

3.3.9 Ittra mibghuta minn Brian Restall dwar ghajnuna sabiex tigi restoratha l-access ghal xi ghelieqi taghhom fis-sit tal-Mintuff. Is-Sindku semma li huwa kien tkellem ma din il-persuna u li mhiex ser tinghata ghajnuna.

3.3.10 Ittra mibghuta minn Felix Farrugia President minn The Malta Rabbit Club fejn giet mitluba laqgha mal-Kunsill sabiex tigi diskussa l-proposta dwar participazzjoni fl-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill.

3.3.11 Ittra mibghuta mis-Segretarju Ezekuttiv Lianne Mifsud mill-Assocazzjoni Kunsilli Lokali dwar ittra ta' permessi – *mobile kiosk* f'Hondoq ir-Rummien.

3.3.12 Tlett ittri mibghuta mill-Head Ruben Said Transport Malta Ghawdex fejn ma nstabx oggezzjoni ghal talba ta' *double yellow line* faccatta ta' *garage* fi Triq Wied Simar, talba ghal *communal Un/Loading Bay* fi Triq ir-Rebha u *slow sign* u *slow line marking* fi Triq il-Kuncizzjoni.

3.3.13 Zewg ittri mibghuta minn Doreen Busuttill *Executive Administrator Officer* fit-Transport Malta dwar rapport mill-Kunsill Lokali dwar ir-*Reserved Parking Bay*, bir-referenzi 6519 u 6599. Referenza 6519 diga giet approvata mit-Transport Malta u ghal referenza 6599 il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.3.14 Ittra mibghuta minn Ann Camilleri *Gozo Services Manager* mill-Inspire sabiex jigu waqt attivita tal-Kunsill fejn jaghmlu l-*fund raising* ghal din l-organizzazzjoni.

3.3.15 Ftehim mibghut minn Diane Mizzi *Assistant Cultural Coordinator* mill-Ministeru ghal Ghawdex, dwar ftehim bejn il-Kunsill u l-Ministeru ghal Ghawdex ghall-ghajnuna finanzjarja ta' €4,400 ghall-attivita` tal-Karnival.

3.3.16 Ittra mibghuta mill-Arcipriet Dun Nazju Borg mill-Ufficcju Parrokkjali tal-Qala fejn talab sabiex isir '*Un/loading sign* fl-art fit-Triq it-28 t'April 1688. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.3.17 Kopja ta' ittra mibghuta mill-Avukat Carmelo Galea li bghat lit-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar applikazzjoni numru PA 3798/02 noti ta' sottomissjonijiet tal-appellant.

3.3.18 Ittra mibghuta mill-Avukat Jean Paul Grech mill-Qorti tal-Magistrati t'Ghawdex fejn f'isem il-klijenti tieghu kiteb dwar xogholijiet li saru fi Triq it-Tempju li jikkonsisti fil-formazzjoni ta' gnien u xoghol iehor ta' *embellisshment*. Giet mibghuta risposta mill-Avukata tal-Kunsill fejn semma li kull m'ghamel il-Kunsill huwa *railing* quddiem il-Menhir u tabella sabiex jipprotegu l-istess Menhir li hija wahda mill-proprjetajiet li giet skedata mill-Awtorita` tal-Ippjanar.

3.3.19 Cirkulari Numru SPI 10/2019 mibghuta minn Mireille Portelli *Co-Ordinator* mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Skema Finanzjarja Zvilupp ta' Libreriji Lokali u Regjonali f'Centri. Il-Kunsill iddecida li jippartecipa.

3.3.20 Korrispondenza li ghaddiet bejn il-membri tal-Kunsill sabiex isir *railing* fi 'Gnien il-Familja', fejn l-*arena*. Il-Kunsill iddecida li ghandu jsir *railing* bil-kanni kif ukoll li jsir il-*gate* tal-*ground*.

3.3.21 Korrispondenza bejn il-membri tal-Kunsill sabiex jinghata bidu ghal korsijiet tal-*tango*, *patchwork* u *sewing* fis-Sala tal-Kommunita`.

3.3.22 Talba tas-Sindku sabiex isir *stop sign* fi Triq ta' Kassja u *double yellow lines* faccata ta' 11, Triq Wied Simar.

3.3.23 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma dwar l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/00937/17 u PA/05592/17, fejn talab

dwar jekk il-*management board* iltaqghax peress li l-Kunsill qatt ma gie informat b'ebda laqgha.

3.3.24 Kopja ta' ittra datata 10 t'April 2008 mibghuta mill-Avukat Anthony Theuma lill-Kummissjarju tal-Art fejn kiteb ghan-nom tal-klijenti tieghu dwar bicca art maghrufa bhala 'ta Gebel Wieqaf' li tmiss ma Triq in-Nadur. Din l-ittra ngabet bl-idejn l-ufficcju tal-Kunsill minn Consilgia Buttigieg. Il-Kunsill iddiskuta li l-ittra ilha mit-2008.

3.3.25 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mis-16 ta' Marzu 2019 sad-9 ta' Lulju 2019 minn referenza numru 57/19 sa referenza numru 141/19 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 22/19 sa referenza numru 54/19 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

3.3.26 Is-Segretarju Ezekuttiv irceviet avviz sabiex titla il-Qorti bhala xhud fuq permessi mahruga mill-Kunsill, dwar xi kaz li ghandhom l-organizzaturi ta' *Hondoq by Night*.

3.3.27 Is-Sindku ppropona li ghandha titressaq il-palma li hemm fejn l-arblu li hemm fi 'Gnien il-Familja' peress li l-bandiera qedha tmiss ma din il-palma kull darba. Il-Vici Sindku ssuggerixxa li ghandha tigi mizbruha, ghalhekk il-Kunsill iddecida li l-palma ghandha tibqa fejn hi u tigi mizbruha.

## 3.4 Twegibijiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

3.4.1 Il-Vici Sindku Ivan Cefai semma li huwa dahal membru fil-kumitat tal-Qala Saints Football Club peress li li n-nies tal-lokal qeghdin ibatu specjalment it-tfal tar-rahal peress li l-*club* huwa limitat.

3.4.2 Il-Vici Sindku ppropona li ghandu jinbena hajt faccata tal-kantuniera fejn Triq l-Isqof Baldassare Cagliares tiltaqa' ma Triq il-Ven Adeodata Pisani peress li hemm il-periklu. Dan sabiex x'hin il-vetturi jigu minn Triq il-Ven Adeodata Pisani ma jibqghux nizlin ghall-isfel gol-ghelieqi. Is-Sindku semma li ma sarx incident illum issa mhux ser isir.

3.4.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li ghandha jsir mixja mill-Qala sa Ta' Pinu fit-8:00 ta' filghaxija bi talb specjali ghal tifel mill-lokalita` li huwa marid serjament fejn wara jigi provdut trasport lura ghal Qala. Hija semmiet li dakinhar jistghu jingabru donazzjonijiet ghal dan it-tifel. Hija semmiet li tkellmet ma Fr Noel Debono tal-Parrocca dwar din il-mixja u accetta li jghin. Il-Kunsill qabel li ghandha jsir din il-mixja.

3.4.4 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li huwa jixtieq jorganizza gita ghal Sqallija. Is-Sindku ppropona li jsir harga bid-dghajsa sa Kemmuna.

3.4.5 Il-Kunsillier Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li *Bus* 303 li tghaddi u tieqaf fil-lokalita` ghandha jkolli miktub Qala fid-*display* ta' fuq il-*bus*. Hija ssuggerit ukoll li *Bus* 322 li qedha tghaddi mill-gol lokalita` temporanjament ghandha tieqaf ukoll fil-lokalita` tal-Qala peress li din fil-prezent tibqa` tieqafx gol Qala izda tibqa` ghaddejha. Is-Sindku semma li fuq l-ahhar suggeriment, huwa diga` talab dan izda t-talba ma gietx milquha. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-possibilta` li tidhol *bus* fl-*area* tal-Kuncizzjoni. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintalab laqgha mat-Transport Malta sabiex jigu diskussi dawn is-suggerimenti.

3.5 Ghazla tal-offerta ghal *playground equipment* ghal *playing field* 'Magistrat Salvu Attard – Ordni ghal *merry go round* wkoll.

3.5.1 Nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2019 saret laqgha tal-bord tal-evalwazzjoni dwar l-ghazla tal-offerta ghal *playground equipment* ghal *playing field* 'Magistrat Salvu Attard'. Il-bord tal-evalwazzjoni iddiskuta din l-offerta u rrakkomanda li tigi accettata l-unika offerta li giet sottomessa. Il-Kunsill studja dan ir-rapport u unanimament qabel ma dan ir-rapport. Is-Sindku ppropona li ghandha tinbidel bandla minnhom fejn isir wahda ghal persuni b'dizabilita` u li l-prezz taghha ser ikun madwar €4,500 iktar. Is-Segretarja gibdiet l-attenzjoni tal-Kunsill li ahjar jigi kkonsultat il-Perit dwar dan peress li mhiex inkluza fl-offerta; sabiex jigi kkjarifikat dan. Is-Sindku semma li ser isir dan.

3.6 *Camera's* ghall-*playing field* 'Magistrat Salvu Attard'.

3.6.1 Is-Sindku semma li fil-*bring in sites* gew installati c-CCTV *camera's* bl-ghajnuna minn fondi tal-kumpanija tal-Green Pak. Huwa ppropona li ghandhom jigu installati CCTV *camera's* ohrajn fil-vicinanzi sabiex jimmoniterjaw il-*playing field* 'Magistrat Salvu Attard' Il-Kunsill qabel ma dan. Gie deciz ukoll li jigu mitluba l-istimi.

3.7 Avukat ghal kaz tal-qorti dwar il-*playing field* 'Magistrat Salvu Attard'.

3.7.1 Giet trattat l-avviz ghas-smigh ta' kawza dwar l-art tal-*playing field* 'Magistrat Salvu Attard' u bicca art quddiem is-*substation* tad-dawl fi Triq ta' Kassja. Giet trattata wkoll ir-risposta tal-Kunsill li giet mibghuta mill-Avukata tal-Kunsill. Gie diskuss illi l-Kunsill m'ghandux x'jaqsam mal-art li hemm quddiem is-*substation.* Is-Sindku semma li huwa attenda ghas-seduta li saret nhar it-28 ta' Gunju 2019 dwar dan il-kaz. Huwa semma li d-Dipartiment tal-Artijiet qallu li l-Kunsill qatt m' ghamel talba dwar jekk l-art fejn hemm il-*playing field* hiex tal-Gvern jew le. Is-Sindku ppropona li ghandu jigu mqabbad l-Avukat Peter Paul Zammit ghal dan il-kaz tal-qorti. Is-Segretarja Ezekuttiv gibdiet l-attenzjoni tal-Kunsill li jridu jingabu tlett stimi ghal dan is-servizz. Is-Sindku semma li ghandu jitqabbad l-Avukat Peter Paul Zammit u jithallas ghal kull seduta.

*3.8* *Qala International Folk Festival* 2019 – ikel, gruppi barranin u *souvenirs*.

3.8.1 Is-Sindku semma li ser jingabu tlett gruppi folkloristici barranin, mill-Belarus, il-Grecja u mill-Austria. Is-Sindku semma li huwa ser jitlob xi stimi ghall-ikliet ta' dawn il-gruppi.

3.9 Is-Sur Josef Farrugia – sabiex jiehu hsieb il-*Qala International Folk Festival* u jithallas.

3.9.1 Is-Sindku ppropona li ghandu jitqabbad is-Sur Josef Farrugia sabiex ikun *co-Ordinator* tal-*Qala International Folk Festival* fejn ikun huwa li jaghmel il-kuntatti mal-gruppi barranin, *logistics*, programm u kuntatti ohra bhal ma gieli sar fis-snin l-imghoddija. Il-Vici Sindku staqsa li peress li dan il-*festival* skond ir-responsabilitajiet, kienu ser jiehdu hsiebu l-Kunsillieri Joseph Buttigieg u Valerie Cassar Mejlak, ix-xoghol taghhom fiex ser ikun jikkonsisti issa? Is-Sindku semma li huma xorta jiehdu hsieb u jsir sotto-kumitat izda jridu jinformaw lil Josef Farrugia b'kollox. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa dwar jekk is-sena l-ohra kienx hemm *Co-ordintor*.

Gie diskuss li ma kienx hemm. Is-Sindku ppropona s-Sur Josef Farrugia ghandu jinghata €500 ghal dan ix-xoghol. Il-Kunsill qabel ma dan.

**3.10 Sejha sabiex jintramaw is-siggijiet u palk tal-*Qala International Folk Festival* 2019.**

3.10.1 Is-Sindku semma li waqt il-*Qala International Folk Festival* tas-sena l-ohra, s-siggijiet li gew mikrija ma kienux jingabru f'posthom ghalhekk is-Sindku semma li jrid jinstab xi hadd sabiex jarma u jzarma is-siggijiet waqt dan il-festival. Il-Kunsill qabel ma dan.

**3.11 Ittra mibghuta mill-Parrocca Arcipretali San Guzepp ghall-ghajnuna fil-Festa ta' San Guzepp.**

3.11.1 Ghal din il-parti tal-laqgha attenda l-Arcipriet Dun Nazju Borgu u s-Sur Josef Farrugia. Giet trattata l-ittra li l-Kunsill ircieva minghand l-Arcipriet f'isem il-Parrocca dwar ghajnuna involviment mill-Kunsill Lokali Qala fl-organizzazzjoni tal-Festa Esterna ta' San Guzepp 2019 kif ukoll l-ittra mill-Ghaqda Briju San Guzepp dwar talba sabiex il-Kunsill jorganizza attivita` li tikkonsisti fi *feature* dwar l-istorja tar-rahal tal-Qala. L-Arcipriet semma li huwa qed jitlob l-ghajnuna tal-Kunsill ghal certu attivitajiet li ser jigu organizzati ghal festa peress li l-parocca ghandha spejjes kbar. Is-Segretarja Ezekuttiv gibdiet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar cirkulari 38/2016 tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar fondi pubblici minfuqa ghal finanzjament ta' Ghaqdiet. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament mal-attivita` tal-*feature* kif ukoll li jipprovdi l-*entertainment* ghall-attivitajiet li ser jigu organizzati.

**3.12 Kwotazzjonijiet sabiex jinbidlu l-borduri ta' madwar ir-*roundabouts.***

3.12.1 Is-Sindku ppropona li ghandhom jintalbu l-kwotazzjonijiet sabiex jinbidlu l-borduri ta' madwar ir-*roundabouts* li hawn fil-lokalita` peress li qed jitkissru kull darba specjalment mit-trukkijiet. Il-Kunsill qabel ma dan.

**3.13 *Speed humps* ghal Triq il-Forn.**

3.13.1 Is-Sindku ppropona li ghandhom isiru l-*ispeed humps* fi Triq il-Forn peress li hemm hafna tgergir li l-vetturi qed jghaddu b'velocita` qawwija. Huwa semma li saret tabella sabiex il-vetturi nnaqsu l-velocita` peress li qed jittajru xi qtates f'din l-*area* izda dan kollu sar ghalxejn. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru l-*ispeed humps.*

**3.14 Sejha ghall-kwotazzjonijiet u offerta ghas-servizzi ta' *management* tal-progett *EUrope is a State of Mind*.**

3.14.1 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri l-godda bil-progett *EUrope is a State of Mind,* fejn jikkonsisti f'organizzazzjoni ta' Konferenzi Internazzjonali. Il-Kunsill iddecida li ghandhom jinhargu l-kwotazzjonijiet u offerta ghas-servizzi ta' *management* ta' dan il-progett.

QALA

## 3.15 Titmexxa l-*ispeed hump* li hemm fi Triq San Guzepp qrib il-Muzew tas-Subien.

3.15.1 Is-Sindku semma li huwa kellu talba sabiex l-*ispeed hump* li hemm fi Triq San Guzepp qrib il-Muzew tas-Subien, titmexxa ftit peress li qedha taht it-tieqa ta' xi residenti u bil-lejl x'hin tghaddi xi vettura minn fuqha, l-vettura taghmel hafna hoss. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 3.16 Servizz Professjonali ta' Avukat.

3.16.1 Is-Sindku semma li l-Avukata presenti ma tistax tibqa l-Avukata tal-Kunsill peress mhiex ser tibqa tipprattika din il-professjoni ghax giet msejha taghmel xoghol iehor f'dan il-qasam. Is-Segretarja Ezekuttiv semmiet li l-kuntratt li l-Kunsill kellu ma' din l-Avukata ghadu kif ghalaq. Ghalhekk il-Kunsill iddecida li ghandha tinhareg sejha ghall-offerta ghal dan is-servizz professjonali.

## 3.17 Arblu tal-bandiera zghir fejn il-bust tas-Surmast Anton Buttigieg.

3.17.1 Is-Sindku ppropona li ghandu jsir arblu tal-bandiera zghir fejn il-bust tas-Surmast Anton Buttigieg. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 3.18 Bord tal-Evalwazzjoni ghall-ghazla tal-offerta ghal *water culvert* u *resurfacing* bit-tarmak ta' parti minn Triq il-Kuncizzjoni.

3.18.1 Is-sejha ghall-offerta ghal *water culvert* u *resurfacing* bit-tarmak ta' parti minn Triq il-Kuncizzjoni ghalqet nhar l-10 ta' Gunju 2019 u giet sottomessa offerta wahda. Il-Kunsill iddecida li l-bord tal-evalwazzjoni ghall-ghazla ta' dawn l-offerti ghandu jkun maghmlu mis-Sindku Paul Buttigieg li jkun ic-*Chairperson*, mis-Segretarju Ezekuttiv Marcia Borg li tkun is-Segretarja tal-Bord u William Sultana, l-*Accountant* John Buttigieg u Perit li jkun l-*evaluators*.

## 3.19 *Stop Sign* fi Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg.

3.19.1 Is-Sindku ppropona li ghandha jsir tabella tal-i*stop sign* fi Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg peress li t-trukkijiet qeghdin jibqghu hiergin. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 3.20 *7:00am till 7:00pm no parking* minn *garage* sa *garage* fi Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg.

3.20.1 Il-Kunsill iddiskuta l-proposta tal-arrangament tat-traffiku fejn isir *no parking minn 7:00am sa 7:00pm* f' parti minn Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg mill-parti li tibda minn Triq it-28 t'April 1688 sat-tarf fejn tibda Triq San Frangisk peress li qed isiru diversi incidenti minhabba l-karozzi li jkun pparkjati din in-naha tat-triq. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 3.21 *Bus Stop* fi Pjazza San Guzepp.

3.21.1 Is-Sindku ppropona li ghandha titressaq il-*bus stop* li hemm fi Triq San Guzepp mal-Muzew tas-Subien lura ghal Pjazza San Guzepp peress li hemm hafna tgergir. Il-Kunsillier Joseph

QALA

Buttigieg issuggerixxa li ghandha jsir laqgha mar-residenti ta' Pjazza San Guzepp u jittellgha bix-xorti quddiem ta' min ghandha jsir il-*bus stop*. Is-Sindku semma li dan mhux il-lok li jtellghu bix-xorti ghax in-nies illeggjawna sabiex niehdu decizjonijiet . Is-Sindku semma li l-ahjar li din il-*bus stop* titwahhal bejn il-qasma ta' 18, Pjazza San Guzepp u *garage* li hemm ma gemb 17, Pjazza San Guzepp. Il-Vici Sindku u l-Kunsillieri l-ohra qablu ma dan. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li la darba kulhadd jaqbel, huwa issa ma jista` jghid xejn izjed.

**3.22 Kuntratt ghall-knis fil-festa ta' San Guzepp 2019.**

3.22.1 Is-Sindku semma li l-knis fil-festa ta' San Guzepp 2019 ghandu jsir mill-Ghaqda tan-Nar peress li s-sena l-ohra ghamlu xoghol tajjeb. Is-Segretarja Ezekuttiv gibet l-attenzjoni tal-Kunsill li jridu jintalbu tlett kwotazzjonijiet. Il-Kunsill qabel ma dan.

**3.23 Titqabbad persuna sabiex tiehu hsieb il-latrina fi Triq it-28 ta' April 1688 fil-gimgha tal-Festa ta' San Guzepp 2019.**

3.23.1 Is-Sindku semma li ghandu jigi mqabbad is-Sur Stephen Mamo sabiex jiehu hsieb il-latrina fi Triq it-28 t'April 1688 fil-gimgha tal-Festa ta' San Guzepp 2019. Il-Kunsill qabel ma dan.

**3.24 Allokazzjoni tal-*kiosks* tal-ikel ghat-triq ta' wara l-knisja fil-festa ta' San Guzepp.**

3.24.1 Is-Sindku semma li huwa tkellem mar-residenti li joqghodu fi Pjazza San Guzepp wara l-knisja sabiex jara jsibux oggezzjoni sabiex il-*kiosks* tal-ikel jigu allokati faccata tar-residenza taghhom. Huwa semma li ma sabux oggezzjoni u ghalhekk huwa qed jissuggerixxa li dawn il-*kiosks* jigu allokati f'din il-parti tat-triq. Il-Kunsill qabel ma dan.

**3.25 Xiri ta' trakk sabiex jintuza mill-haddiema tal-Kunsill.**

3.25.1 Is-Sindku ppropona li ghandu jinxtara trakk tal-*electric* sabeix jintuza mill-haddiema tal-Kunsill peress li bhalissa hemm haddiem li qed juza l-vettura tieghu personali tieghu sabiex igorr l-affarijiet. Il-Kunsill qabel ma dan.

**3.26 Kiri ta' *garage* ghat-trakk u *store*.**

3.26.1 Is-Sindku semma li ghandu jinkera *garage* ghat-trakk li ser jinxtara kif ukoll sabiex jintuza bhala *store*. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar il-kamra li kienet ser tinghata lill-Kunsill mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma fid-distillatur li hemm f'Hondoq ir-Rummien.

**3.27 Sejha ghall-hrug ta' offerti ghal *gazebo's* ta' 'Gnien il-Familja'.**

3.27.1 Is-Sindku semma li trid isir sejha ghall-hrug ta' offerti ghal *gazebo's* ta' 'Gnien il-Familja' peress li dawk ezistenti ma jistghux jissewwew. Il-Kunsill qabel ma dan.

QALA

## 3.28 Proposta ghal *farmers market.*

3.28.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li ghandu jsir *farmers market* fi Pjazza San Guzepp. Hija semmiet li ghall-ewwel dan il-market ikun darba fix-xahar u jekk din l-inizjattiva tmur tajjeb jizdiedu l-granet. Hija ssuggerit li l-prodotti ghandhom jinbieghu minn nies tal-lokalita` u ma jhallsu ebda *fee* ghajr jekk ihallu l-hmieg warajhom. Hija ssuggerit li dan *market* ghandu jinghata l-isem 'Il-Gewlaq" Gie diskuss li l-Kunsill Lokali San Lawrenz jaghmel xi haga simili u ghalhekk il-Kunsillier Valerie Cassar Mejlak semmiet li ser taghmel kuntatt ma dan il-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva. Gie deciz li meta jkun ser jinbeda ghandu jsir avviz fil-bullettin.

## 3.29 *Camera's* Triq il-Wileg.

3.29.1 Is-Sindku semma li kien hemm diversi problemi fil-*camera's* li gew installati fi Triq il-Wileg u ghalhekk gie informat b'dan minghand minn inxtraw. Giet trattati *email* minghand is-*supplier* fejn issuggerixxa li l-ahjar soluzzjoni hi li tinbidel il-*camera* ghal wahda ahjar minnha peress li ma l-ewwel problema nqaghlet problema ohra. Id-differenza fil-prezz kienet ser tkun €455. Il-Kunsill unanimament qabel li tigi mibdula din il-*camera*.

## 3.30 *GOTO site* fi Pjazza l-Isqof Mikiel Buttigieg.

3.30.1 Il-Vici Sindku semma li fl-ahhar laqgha s-Sindku nforma lill-Kunsillieri sabiex ma jsir xejn minn wara dahru. Il-Vici Sindku semma li huwa jrid l-gid u jrid ikun jaf kif ser nahdmu l-quddiem. Huwa semma li huwa mhux kuntent ta' kif saru l-affarijiet dal-ahhar gimghat . Huwa semma l-kaz tal-*parking* ghal *GOTO site* fil-lokalita` u li x'hin huwa cempel lis-Sindku, huwa s-Sindku, hadu bl-ghera. Il-Vici Sindku semma li huwa ma harigx sabiex ikun fil-Kunsill sabiex xi hadd jghajjet mieghu kif ukoll qal li s-Sindku accena li huwa, l-Vici Sindku, hadem minn wara dahru. L-Vici Sindku semma li huwa ma jafx fejn hadem wara dahar is-Sindku u qal lis-Sindku li jekk saret xi haga hazina sabiex jghidlu x'inhi. Il-Vici Sindku semma li cemplulu xi nies fuq il-*parking* tal-GOTO, huwa cempel lis-Segretarja fuq din il-materja fejn hija imbaghad informatu li f'xi l-ahhar ta' Settembru 2018, waqt laqgha tal-Kunsill kien gie deciz li l-*parking* tal-GOTO ghandha jsir fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg. Il-Vici Sindku semma li huwa tela` b'320 rapprezentant li huma nies mill-lokalita` tal-Qala u sabiex jaqdi lin-nies. Huwa kompla jghid li jekk jigi xi hadd fejnu huwa mhuwiex ser jghidlu li mhux ser jghinu ghax huwa l-Vici Sindku u mhux is-Sindku. Is-Sindku semma li huwa deherlu illi ma kellhomx isiru affarijiet minn wara dahru peress li sar kommunikazzjoni mat-*Transport Malta* u ghalhekk l-Vici Sindku messu kellem lilu. Il-Vici Sindku qallu li mhux ghalhekk huwa cempelli, sabiex jinfurmah. Il-Vici Sindku semma li huwa mar id-dar tas-Sindku sabiex ikellmu fuq din il-problema tal-GOTO u wara li ma sabux id-dar cempillu. Il-Vici Sindku semma li huwa m'ghamel xejn minn wara dahar is-Sindku. Is-Sindku talab lil Vici Sindku sabiex jirtira dak li qed li jghid li huwa ghajjet mieghu. Il-Vici Sindku semma li s-Sindku ghola lehnu kif ukoll li kellu dik il-persuna li ressqet l-ilment xhud ta' dan peress li kien mieghu x'hin cempel. Is-Sindku semma li huwa wkoll ghandu xhud. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li importanti li jkun hemm trasperenza minn naha ta' kulhadd. Wara dan il-Kunsill iddiskuta li fis-sebgha legislatura tal-Kunsill kien gie deciz li jsir *parking* fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg u li mhu ser ikun hemm inkonvenjent ghal hadd. Il-Kunsill ghalhekk iddecida li jigu nformati tat-Transport Malta li jrid ikun hemm *parking* wiehed, mhux quddiem il-bibien tan-nies u li x'hin jarmaw ghal festa tar-rahal il-pedestal li jintrama hemm jinghata priorita`.

QALA

## 3.31 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti.

3.31.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-pagamenti bir-referenzi numri SP 3/2019, SP 4/2019, SP 5/2019 u 6/2019. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni sabiex jithallsu l-kontijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

## 3.32 Mozzjonijiet.

3.32.1 Ma kien hemm ebda mozzjonijiet.

## 3.33 Tmien tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

3.33.1 Il-laqgha ntemmet fid-9:30 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 6 ta' Awwissu 2019.

Ikkonfermati, illum it-Tlieta 6 t'Awwissu 2019.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |